# Il-Ħadd 01.03.2015

1. Bħalma tafu l-Arċisqof il-ġdid ta' Malta huwa l-E.T. Mons. Charles J. Scicluna. Nawgurawlu u nitolbu għalih.

2. Illum 01/03, **it-Tieni Ħadd tar-Randan**:
   - Mit-8:30am sas-1:00pm, fil-Berġa tal-Gvern (qrib il-venda tal-linja), fiż-Żurrieq tistgħu tmorru tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom imorru mitluba jieħdu magħhom l-karta tal-identità. Napprezzaw u ninkuraġġixxu dan il-ġest qawwi ta' karità matul iż-żmien li qegħdin fih.

3. Mit-Tnejn 2/03 sal-Ġimgħa 6/03:
   - Ikollna l-Eżerċizzi għall-Miżżewġin fis-7:00pm, fil-knisja parrokkjali, mmexxija mill-Kappillan Dun David Farrugia. Is-sorijiet Dumnikani ser jipprovdu *Child minding*.

4. Il-Ġimgħa 06/03, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Egħluq tal-Eżercizzi tal-Miżżewġin b'xi ħin ta' Adorazzjoni.

5. Il-Ħadd 08/03, **it-Tielet Ħadd tar-Randan**.

6. Eżerċizzi tar-Randan:
   - Mit-Tnejn 9/03 sal-Ġimgħa 13/03 ser ikollna Ħsibijiet Spiritwali fil-Quddiesa tas-6:30pm, bħala Eżerċizzi għal Kulħadd, immexxija mill-Kan. Louis Farrugia.

7. Il-Ħamis 12/03:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru r-Redentur tal-Bażilika tal-Isla fejn ikollna Quddiesa, u wara Coffee Morning fil-lokal stess. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

8. Avviżi oħra:
   - Matul din il-ġimgħa s-soċji u l-katekisti tal-Museum Bniet ser ikunu qed jattendu l-Eżerċizzi spiritwali għalihom u għaldaqstant mhux ser ikun hemm lezzjonijiet tal-katekiżmu għall-bniet matul din il-ġimgħa.
   - Il-koordinaturi u l-letturi tal-quddies mitluba jidħlu fis-sagristija sabiex jiġbru u jimlew formola biex nikkoordinaw aħjar is-servizzi tagħna fil-quddies ta' tmiem il-ġimgħa. Eventwalment ir-Roster ser jibda jkun fil-website kif ukoll fin-Noticeboard tas-Sagristija lejn il-bidu tax-xahar. Dawk li ma jkunux jistgħu jagħtu s-servizz meta indikat mitluba jsibu sostitut huma u jinfurmaw b'dan lill-Kappillan.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 235 minn ħarġa li kellna;
   - € 120 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl.
     Grazzi mill-qalb.